

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fis-16 ta' Jannar 2015 –  
Cdiscount SA vs Ministère public**

(Kawża C-13/15)

(2015/C 107/28)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Cdiscount SA

Konvenut: Ministère public

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 9 tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern (¹) jipprekludu li jkun ipprojbit, fiċ-ċirkustanzi kollha, irrispettivament mill-impatt potenzjali tiegħu fuq id-deċiżjoni tal-konsumatur medju, tnaqqis tal-prezz li ma huwiex ikkalkolat skont il-prezz ta' referenza stabbilit permezz ta' regolament?

---

(¹) Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU L 249, p. 22).

**Appell ippreżzentat fis-17 ta' Frar 2015 mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mid-digriet mogħiġi mill-Qorti Ġeneral (It-Tielet Awla) fis-6 ta' Jannar 2015 fil-Kawża T-71/15, Kendrion vs L-Unjoni Ewropea**

(Kawża C-71/15 P)

(2015/C 107/29)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Partijiet**

Appellant: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. V. Placco u E. Beysen, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: Kendrion NV

**Talbiet tal-appellant**

- tannulla d-digriet tal-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla) tas-6 ta' Jannar 2015 fil-Kawża T-479/15, Kendrion vs L-Unjoni Ewropea;
- tilqa' t-talbiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“QĠUE” imressqa quddiem il-Qorti Ġeneral inkonformità mal-Artikolu 114 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha u għaldaqstant
- prinċipalment, filwaqt li taqta' definittivament it-tilwima, tiddikjara inammissibbli r-rikors għad-danni ppreżentat minn Kendrion NV minħabba li huwa ppreżentat kontra l-QĠUE (bħala rappreżentanti tal-Unjoni);